**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 t' April 2024**

**Avviz Numru: 287/2022 MLF**

**Francesco Dimech**

**vs**

**Roderick Bellizzi**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz ta' Roderick Bellizzi fejn talab biex il-konvenut jigi ikkundannat ihallsu l-ammont ta' sitt elef euro (€6,000), rapprezentanti parti minn depozitu li kellu jintrad lura wara li gie tterminat ftehim ta' appalt skond ir-rikors u d-dokument annessi mal-avviz promotur.

   Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A datata disgha (9) ta' Settembru 2022, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi li gie prezentat kontestwalment ma' din il-kawza, kif ukoll bl-imghax dekoribbli sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

2. Rat li l-konvenut Roderick Bellizzi ma deherx ghalkemm kien debitament notifikat u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezenta risposta.

3. Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ipprezentati u l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri.

4. Semghet it-trattazzjonali finali tal-avukat difensur tal-attur.

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

5. Fix-xhieda tiehgu, l-attur spjega fid-dettal in-natura ta’ dan id-dejn. In succinct, huwa kien hallas l-ammont ta’ ghaxart elef Euro (€10,000) bhala depozitu fuq kuntratt ta’ appalt ghal xoghol ta’ elettriku u plumbing li l-konvenut kellu jaghmel, fuq inkarigu tal-attur. Dan il-kuntratt gie xolt fit-28 ta’ Lulju 2022, ftit gimghat wara li nbeda x-xoghol, u l-konvenut obbliga lilu innifsu li jirrifondi lill-attur is-somma ta’ €10,000 sal-31 t’Awwissu 2022, u dan skond skrittura privata bejn il-partijiet kif ukoll b’WhatsApp Chat. L-attur jghid li l-konvenut hallsu biss l-ammont ta’ erbat elef Euro (€4,000), u ghalhekk kellu jistitwixxi dawn il-proceduri ghal hlas tal-bilanc. L-attur ikkonferma li l-ammont ta’ sitt elef Euro (€6,000) ghadu dovut mill-konvenut.

6. Il-konvenut baqa’ ma deherx f’dawn il-proceduri u lanqas ressaq provi.

7. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda tal-attur u d-dokumenti ezebiti.

8. Il-Qorti tosserva li ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-kuntratt ta’ appalt gie terminat fit-28 ta’ Lulju 2022, l-iskrittura tax-xoljiment tal-appalt ezebita in atti[1] iggib id-data tat-28 ta’ Gunju 2022. Pero, din il-Qorti hija konvinta fuq bazi ta’ probabbilita, li dan huwa biss dovut ghal *lapsus calami* meta giet redatta l-iskrittura fejn minflok ix-xahar ta’ Lulju 2022, gie indikat ix-xahar ta’ Gunju. Dan qed jinghad ghax l-ewwelett il-kuntratt ta’ appalt igib id-data tal-20 ta’ Gunju 2022[2], u ma tantx huwa verosimili li kuntratt jigi terminat tmint ijiem biss wara li jigi iffirmat. Fit-tieni lok, mill-Whats App chats ezebiti bejn il-partijiet jirrizulta car li l-konvenut ittermina l-appalt f’messagg

[1] Ara fol. 10 tal-atti processwali.
[2] Ara fol. 5 tal-atti processwali.

mibghut fit-28 ta' Lulju 2022[3] u obbliga ruhu li jirrifondi lill-attur is-somma ta' €10,000. L-attur xehed li dak in-nhar stess tal-messagg, huwa iltaqa' mal-konvenut fuq il-post biex dan tal-ahhar jigbor l-ghodda tieghu u l-attur jghid *"jiena harbixt, litteralment ghamilt kuntratt ta' terminazzjoni biex dan itini l-flus lura … …"*[4] Kif diga inghad, din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' sitt elef euro (€6,000) lill-attur, bl-imghax mill-5 t'April 2023 – data tan-notifika tal-avviz – sad-data tal-pagament effettiv.

10. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A datata 9 ta' Settembru 2022, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment ma' din il-kawza, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[3] Ara fol. 14 tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 28 tal-atti processwali.